# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 26 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 22/2025 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**SB U MB**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 15 ta' Jannar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-23 ta' Ottubru 2013 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;*

*Illi minn din l-ghaqda twieldu zewg tfal, LS u AS, ahwa B, li twieldu f'X u Y, rispettivament;*

*Illi l-istess partijiet ilhom jghixu hajja separata minn ma' xulxin ghal bosta snin, u fi kwalunkwe kaz ghal aktar minn l-ahhar erba' (4) snin;*

*Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu, oltre illi z-zewg partijiet qed ighixu hajja indipendenti minn ma' xulxin;*
*Illi l-partijiet ifformalizzaw il-firda taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 27 ta' Gunju 2019, in atti Nutar Dr Jean Pierre Attard, li kopja tieghu*

*tinsab hawn mehmuza u mmarkat Dok. B;*

*Illi b' referenza ghal klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fejn hemm stipulat il-hlas ta' manteniment pagabbli mir-Ragel lill-Mara ghall-ulied minuri, il-partijiet presenzjalment jikkonfermaw u jiddikjaraw illi m' hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-Ragel lill-Mara, u jiddikjaraw li tali manteniment qed jithallas regolarment;*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

3. *Taghti u/jew tordna kull-provvediment iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SB xehed (vide affidavit a fol 10)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Dr Jean Pierre Attard. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' arretrati ta' manteniment. Ikkonferma li z-zewg partijiet ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin.

**MB xehdet (vide affidavit a fol 11)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013)  liema zwieg jgib certifikat numru 2934/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Pierre Attard nhar s-27 ta' Gunju 2019 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2934/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**